MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 69

**11 ta' Settembru 2017**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg – Viċi Sindku
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Anthony Buttigieg – Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
Herbert Conti – Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
John Borg - Kunsillier
Antoine Attard - Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Michael Fenech Adami – Kunsillier
Mark George Abdilla – Kunsillier
Matthew Mangion – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv Swatar

**ASSENTI**
Dr.Francesca Zarb - *Chairperson* Kumitat Amministrattiv *Fleur De Lys*

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary

(Jimmy) Calleja, is-Sur Herbert Conti, is-Sur John Mizzi, is-Sur John Borg, is-Sur Antoine Attard u s-Sur Patrick Owen Attard.

Għal din il-laqgħa ma kienx hawn pubbliku.

**69.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

69.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta u nofs ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

69.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva tliet ittri ta' apoloġija, mill-Kunsilliera s-Sinjuri Michael Fenech Adami u Mark George Abdilla, u mis-Sur Matthew Mangion, *Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġiji.

**69.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

69.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru 68 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija.

69.2.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li fuq l-attivita' Amare Argento ma' Charles and Ron din se tattendi għaliha Ms. Michelle Muscat u se tkun taħt il-patroċinju tagħha. Il-kunsilliera huma mistiedna għal *press conference* li se ssir fis-sala tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa 22 ta' Settembru 2017 fit-3pm.

Fis-6.35pm daħlet għal-laqgħa tal-Kunsill il-Kunsillier is-Sinjura Marie Claire Zammit.

69.2.3 Fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieig, il-minuti ta' laqgħa 68 ġew approvati bħala dokumenti korretti nem. con.

**69.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

69.3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fakkret illi l-Ġimgħa 15 ta' Settembru 2017 fis-2.30pm se niltaqgħu mas-Segretarju Parlamentari s-Sur Silvio Parnis fl-uffiċċju tiegħu l-Belt.

69.3.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li d-dipartiment tal-Gvern Lokali ħareġ skema fejn il-Kunsill joħroġ ammont ta' flus għal kotba fil-librerija u skont dan l-ammont, id-dipartiment jirduppjah. Kien hemm qbil illi bħala Kunsill aħna noħorġu 500 euro għal librerija ta' Birkirkara, biex il-gvern joħroġ 500 euro oħra.

69.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-membri ċirkulari dwar il-laqgħa plenarja ta' l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

69.3.4 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi peress li ħadd ma tefa' offerti għal kjosk ta' Ġnien Stazzjon, it-tender hemm bżonn ikun rivedut u nnaqsulu l-prezz ta' l-offerta minima. Hi ma tixtieqx illi nlestu l-ewwel parti tal-proġett u jerġa' jkun hemm il-vandaliżmu. Żvolġiet diskussjoni u kien hemm qbil illi l-offerta minima tkun ta' 10,000euro. Dan dejjem ikun suġġett għall-bord ta' l-aġġudikazzjoni. Min jirbaħ il-kjosk irid jiftaħ u jagħlaq l-ġnien, iżomm il-latrini fi stat tajjeb, u jibni l-kjosk. Se tingħata wkoll sena b'xejn bla kera peress li hemm piż finanzjarju kbir sakemm dak li jkun jarma.

69.3.5 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li f'Ta' Paris qed isir xogħol fejn aħna nikru l-makkinarju, nixtru l-materjal u mbagħad jaħdmu l-ħaddiema tagħna. Il-problema hi f'dan il-każ li l-ispejjeż mhux jittieħdu mill-fond li fih hemm il-flus li nirċievu mir-reġjun. Għalhekjk hija talbet biex *invoice* li għandna għal xogħol ta' tarmak fi Triq San Lawrenz (madwar 10,000euro) toħroġ minn dan il-fond. Il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg qalet li l-importanti li l-flus f'dan il-kont jintefqu fi proġetti, u għalhekk ma kienx hemm diffikulta' li x-xogħol fi Triq San Lawrenz jitħallas minn dan il-fond. Kien hemm qbil u s-Segretarju se jinforma lir-reġjun.

69.3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq rakkomandazzjoni ta' l-*ombudsman* f'każ li kellna dwar *claim* ta' 85Euro ta' xi ħadd li qasam tajer fi Triq Notabile, fejn l-ombudsman irrakomanda lill-Kunsill biex iħallas. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li ma nistgħu qatt naċċettaw li Triq Notabile, quddiem Farsons hija triq li għandu jieħu ħsieba l-kunsill għax hija arterja. Il-Kunsillier is-Sur John Borg qal li jekk naċċettaw din ikollna naċċettaw kull claim. Kien hemm qbil illi r-rakkomandazzjoni ta' l-*ombudsman* ma tkunx aċċettata.

**69.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

69.4.1 Il-Kunsillier is-Sinjura Marie Claire Zammit staqsiet jekk għandniex skeda bit-toroq li se jsiru mill-gvern ċentrali. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li sa issa tawna Triq Ċensu Costa, Mose' Gatt, Bontadini, PP Castagna u Mrieħel. Pero' hija qalet li ma tkunx taf ezatt meta se jibdew għax il-kuntratturi huma ta' TM. Il-Kunsillier is-Sur John Borg staqsa dwar triq Mons. Depiro u s-Sindku qaltlu li dik hija mniżżla wkoll. L-istess kunsillier saqsa jekk it-toroq li hemm hemmhekk hux se jitniffdu ma xulxin. Is-Sindku talbet lis-Segretarju jikteb lil TM u jakkwista risposta.

69.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Antoine Attard saqsa dwar il-*crossroad* li hemm fi Triq Bontadini ma' Triq il-Knisja l-Qadima. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li ġa tkellmet ma' TM dwar il-ħtieġa ta' *traffic management* hemmhekk pero' talbet lis-Segretarju jerġa' jiktbilhom.

69.4.3 Il-Kunsillier is-Sur John Borg saqsa dwar triq bejn Tal-Qattus u Fonsu Maria Galea fejn hemm biċċa mħarbta imma s-Sindku qalet li hemmhekk privat. Is-Segretarju ġie mitlub li jsaqsi wkoll dwar din iż-żona.

69.4.4 Il-Kunsillier is-Sur John Mizzi saqsa dwar problema li hemm Triq Anġlu Mallia ma' Triq Brared. Is-Sindku qalet li min ikollu dawn il-problemi jgħaddihom lis-Segretarju peress li qed tinġabar l-informazzjoni li se tingħadda lill-gvern ċentrali.

**69.5 Kwotazzjoni Tinda Jum Birkirkara**

69.5.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li reġa' wasal iż-żmien biex tinħareġ sejħa għall-offerti għal tinda f'Jum Birkirkara. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

**69.6 Kwotazzjoni Dawl tat-Toroq fil-Milied**

69.6.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li hemm bżonn tinħareġ il-kwotazzjoni għad-dawl dekorattiv fit-toroq għall-Milied. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

**69.7 Staff tal-Kunsill**

69.7.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li persuna mill-istaff talbet biex wara li toħroġ bil-*maternity leave* tingħata erba' xhur leave mingħajr ħlas. Minħabba protezzjoni tad-data, l-isem ma xxandarx imma ġiet iċċirkolata t-talba. Is-Segretarju Eżekuttiv ma sabx oġġezzjoni u lanqas il-Kunsilliera.

69.7.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi minn tliet vakanzi li kellna, dik ta' clerk, u ta' żewġ part time attendants, imtlew żewġ postijiet peress illi waħda mill-*part time attendants* qatgħet qalbha wara ftit jiem minħabba li hawn ħafna xogħol. Għalhekk talbet biex jerġa' jinbeda l-proċess mad-dipartiment u mal-*jobsplus* biex jimtela' dan il-post battal.

**69.8 Skart organiku – Proġett Pilota**

69.8.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi wara li biddilna l-iskeda ta' l-iskart u nhar ta' Tnejn qegħda tinġabar il-borża sewda flok l-organika, il-*wasteserv* qalet illi mhux se tibqa' tagħti sussidju lill-Kunsill li bih nistgħu nħallsu għal ġabra ta' borża organika mit-tnejn li fadal. Dan ifisser illi l-Kunsill bis-sitwazzjoni ġdida se jkun qed jitlef 50,000euro fis-sena. Is-Sindku qalet li wasalna fl-aħħar man-negozjati mal-wasteserv u jekk il-wasteserv mhux se tħallsilna imqar borża waħda għandna noħorġu mill-proġett pilota. Hija qalet illi greenpak iħallsuna talli jiġbru l-borża riċiklabbli imma l-wasteserv ma tridx taf. Żvolġiet diskussjoni u kien hemm qbil illi jekk il-gvern ma jħallasniex imqar billi jħallas għall-ġbir ta' borża waħda, il-Kunsill joħroġ mill-proġett pilota.

69.8.2 Il-Kunsillier is-Sinjura Marie Claire Zammit qalet li jekk noħorġu mill-proġett għandna nagħmlu konferenza stampa ħalli l-pubbliku jkun jaf għaliex ħadna din l-azzjoni. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta nem. con.

**69.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 51, u Petty Cash**

69.9.1 L-iskeda tal-*Petty Cash* kienet approvata fuq proposta tas-Sindku ssekondata mill-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg. Ħadd ma sab oġġezzjonijiet.

69.9.2 L-iskeda ta' pagamenti numru 51 kienet approvata mingħajr mistoqsijiet fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Viċi Sindku Rita Borg u mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg.

**68.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-7.10pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 9 ta' Ottubru 2017 fis-6.00pm.

Konfermati, illum 9 ta' Ottubru 2017.

IFFIRMATI

Joanne Debono Grech
Sindku

Neil Spiteri
Segretarju Eżekuttiv